Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 156/14/1

**Raymond Zammit (ID-250659-M)**

**(appellant)**

**vs**

**Anthony Caruana (ID-330168-M)**

**(appellat)**

30 ta' April 2019.

1. **Din il-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas ta' bilanċ minn somma akbar skont kambjala.**

2. Fir-rikors tiegħu tat-30 ta April 2014 ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu s-somma ta' €4,650, rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar ta' kambjala Nru. 1 li skadiet fis-26 ta' Diċembru 2009 (**Dok RZ1**). Bl-ispejjeż u imgħax kummerċjali mit-26 ta' Diċembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Fir-risposta tiegħu tas-16 ta' Jannar 2015 il-konvenut Anthony Caruana eċċepixxa illi:

   (1) l-ebda ammont mhu dovut stante pagament;
   (2) mingħajr preġudizzju għall-premess it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Fis-sentenza tal-14 ta' Novembru 2018 l-ewwel qorti (*inter alia)* laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talba tal-attur.

5. Fit-3 ta' Diċembru 2018 l-attur appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu:-

(i) **<u>Fl-ewwel lok isostni li l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi fis-sens li tat piż mhux mistħoqq lill-provi tal-konvenut</u>**. Ifakkar illi ġialadarba huwa l-konvenut li allega li l-ammont pretiż mhux dovut stante li ħallas il-valur kollu tal-kambjala, kien allura jispetta lill-istess konvenut li jressaq prova ċara ta' dan. Jargumenta li d-dokumenti li ressaq il-konvenut biex jissostanza t-teżi tiegħu huma dokumenti li saru b'mod unilaterali mill-istess konvenut mingħajr ma huwa (l-attur) qatt iffirmahom jew aċċetta l-validita` tagħhom. Inoltre jgħid illi l-konvenut naqas li jressaq prova inkonfutabbli dwar in-numru ta' bibien li kienu installati.

(ii) **<u>Fit-tieni lok isostni li l-ewwel qorti tat interpretazzjoni ħażina tal-liġi fiskali</u>.** Jaċċenna għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti irriteniet li ladarba n-negozju sar bejn żewġ soċjetajiet, ma kellhiex tinħareġ riċevuta fiskali, iżda kellha tinħareġ fattura fiskali. Jilmenta pero` li l-ewwel qorti ma tat l-ebda piż għall-fatt li hu jew is-soċjeta` tiegħu qatt ma ingħataw fattura u jsaqsi: x' prova kellha l-ewwel qorti li ġiet sottomessa fattura fiskali lid-Dipartiment tal-VAT? In oltre jenfasizza li kellha tinħareġ mill-bidu, cioe` malli seħħet l-ordni tal-oġġetti bi tpartit mal-vettura li l-konvenut kien diġa ħa fil-pussess tiegħu, u dan sabiex hu (l-attur) ikun jista' jagħmel il-claim relattiva mad-Dipartiment tal-VAT. Iżid jgħid li filwaqt li l-ftehim sar fl-2006, il-konvenut qed jallega li l-fattura ħarġet sentejn wara, u dan bi ksur tar-regolamenti fiskali u a detriment tiegħu.

6. <u>Fis-27 ta' Diċembru 2018 il-konvenut appellat wieġeb</u> biex jgħid li l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u jirrażenta l-fieragħ, u li bħala tali għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż a karigu tal-attur appellant.

**<u>Sfond:</u>**

7. Permezz ta' skrittura datata 26 ta' Diċembru 2006 (**Dok A**)[1] l-attur f'isem is-soċjeta` Raymond Auto Dealer Ltd u l-konvenut f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta` Anjo Ltd ftehmu hekk:

> *"Il-partijiet qegħdin jiftehemu illi Raymond Zammit ibiegħ karozza tal-marka Mercedes E-220 Cdi (tale quale) lil Anthony Caruana għall-prezz ta'* ***Lm24,000*** *u ser jitħallsu kif aktar (sic) deskritt.*
>
> 1. *1 car garage li jinsab f'Balluta Mansions Sliema li qed jiġi stmat għall-valur ta'* ***Lm9,500****.*
> 2. ***Lm5,500*** *flus*[2]
> 3. ***Lm9,000*** *xogħol ta' materjal ta' bibien tal-injam mingħand l-imsemmija kumpanija Anjo Ltd. Ix-xogħol ta' bibien irid isir skont il-prezzijiet annessi u jridu jeħlu sa mhux aktar tard minn xahar u nofs minn meta jiġu ordnati minn Raymond Zammit. Dan ix-xogħol irid isir skont is-sengħa u l-arti u jkun issettjat li ma jkunux iħokku ma ebda kantuniera. Jekk dan ix-xogħol ma jasalx sa żmien stipulat Anthony Caruana jrid iħallas is-somma stipulata fi flus."*

8. Il-firem rispettivi ta' Raymond Zammit u Anthony Caruana jidhru fuq in-naħa t' isfel tal-iskrittura.

9. Mal-iskrittura ġiet annessa lista tal-prezzijiet tal-injam (bil-VAT mhux inkluż) datata 9 ta' Diċembru 2006 (**Dok B**)[3], u dan b'referenza għax-xogħol ta' bibien tal-injam (b'valur ta' Lm9,000) li kellu jikkonsenja l-konvenunt bħala parti mill-prezz tal-karozza. Fuq tali lista jidhru wkoll il-firem ta' Raymond Zammit u Anthony Caruana.

10. Fir-rigward tal-Lm9,000 rappreżentanti l-valur tax-xogħol ta' bibien tal-injam li kellu jikkonsenja l-konvenut, dakinhar stess li ġiet iffirmata l-iskrittura il-konvenut Anthony Caruana iffirma wkoll kambjala (No.1) favur Raymond Zammit fl-ammont ta' Lm9,000, liema kambjala kienet timmatura fis-26 ta' Diċembru 2009, cioe` tliet snin wara (**Dok RZ1**)[4].

---

[1] **Dok A**, fol 19.
[2] Vide kopja taċ-ċekk **Dok AC2**, fol 38, minn fejn jirriżulta il-konvenut għadda Lm5,500 lill-attur dakinhar stess li ġiet iffirmata l-iskrittura (26.12.2006).
[3] **Dok B**, fol 20.
[4] **Dok RZ1**, fol 2.

11. Il-konvenut isostni li huwa ħallas dan l-ammont ta' Lm9,000 (€20,964.35) permezz ta' konsenji ta' bibien tal-injam kif mifthiem. L-attur invece isostni li jonqsu jħallsu bilanċ ta' €4,650 (Lm1,996.25).

**Provi:**

A. Verżjoni tal-konvenut Anthony Caruana:

12. Il-konvenut Anthony Caruana fl-affidavit[5] ikkonferma li Lm9,000 mill-prezz tal-vettura kellhom jitħallsu b'xogħol ta' materjal ta' bibien tal-injam mingħand il-kumpanija tiegħu Anjo Ltd, u li l-konsenji kellhom isiru skont il-prezzijiet indikati fuq **Dok B**. Ikkonferma ukoll li kontra dan l-ammont inħarġet kambjala.

13. Huwa xehed li fil-fatt ikkonsenja l-bibien tal-injam ordnati mill-attur u li l-valur kumplessiv tagħhom huwa ta' Lm9,415.19 u mhux Lm9,000, kif jirriżulta mill-fattura maħruġa mis-soċjeta` Anjo Ltd u datata 28 ta' April 2008 (**Dok C**)[6]. Għalhekk isostni li mhux talli m'għandu jagħti xejn lill-attur, talli invece jiġi li huwa l-attur li għandu jagħti lilu.

14. Il-fattura tgħid hekk:

| **Description** | **item** | **qty** | **Rate /Lm** | **Rate/€** |
|---|---|---|---|---|
| Sliema doors<br>Removal doors<br>Deduct handle | Lm 145<br>Lm 35<br>Lm 6 | 7<br><br>6 | Lm 1,015<br>Lm 35<br>Lm 36 - | € 2,364.31<br>€ 81.52<br>€ 83.85 |
| Qormi frame box | Lm 80 | 4 | Lm 320 | € 745.39 |
| Qormi solid pine | Lm 145 | 6 | Lm 870 | € 2,026.55 |
| Mskala solid pine | Lm 145 | 8 | Lm 1,160 | € 2,702.07 |
| Zebbug solid pine<br>Not fixed | Lm 150<br>Lm 10 | 8<br>3 | Lm 1,200<br>Lm 30 - | € 2,795.24<br>€ 69.88 |

[5] Affidavit tal-konvenut Anthony Caruana, fol 17 *et seq*.
[6] **Dok C**, fol 21.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Zebbug solid pine<br>Not fixed | Lm 150<br>Lm 10 | 7<br>2 | Lm 1,050<br>Lm 20 - | € 2,445.84<br>€ 46.58 |
| Qormi solid pine<br>Qormi solid in/ (internal) | Lm 150<br>Lm 135 | 1<br>6 | Lm 150<br>Lm 810 | € 349.40<br>€ 1,886.79 |
| Zebbug solid pine<br>Zebbug in/ (internal) | Lm 150<br>Lm 135 | 7<br>3 | Lm 1,050<br>Lm 405 | € 2,445.84<br>€ 943.39 |
| TOTAL<br>18% VAT<br><br>**GRAND TOTAL** | | | Lm 8,064.97<br>Lm 1,350.22<br><br>**Lm 9,415.19** | € 18,786.34<br>€ 3,145.17<br><br>**€21,931.51** |

15. Huwa għamel riferenza għal **Dok D**[7] u jispjega li dan huwa dokument li kien bagħatlu l-attur flimkien mal-ittra uffiċjali. Fuq dan id-dokument jidher li l-attur għamel il-kalkoli tiegħu sabiex jispjega kif il-valur tax-xogħol konsenjat (eskluż il-VAT)[8] jammonta għal **<u>€16,974</u>**. Il-konvenut spjega li jekk wieħed iżid il-VAT (18%) mal-ammont aċċettat mill-attur jasal għal total ta' €20,029.32 u għalhekk differenza ta' €935.04 inqas mill-ammont oriġinali ta' €20,964.35 (Lm9,000). Jgħid li d-differenza tirrappreżenta l-ammonti li l-attur naqqas minn jeddu fir-rigward tal-*locks, handles,* u *fittings*.

16. Waqt il-kontro-eżami[9] tiegħu ippreżenta kopji ta' ħames *delivery notes*[10] bil-*letter head* "Caruana Furniture & Aluminium*".* Mistoqsi jekk fuq tali *delivery notes* tidhirx il-firma tal-attur, wieġeb fin-negattiv. Skont l-istess *delivery notes* (bin-notamenti relattivi fuqhom), saru s-segwenti konsenji lill-attur:

| | | |
|---|---|---|
| 28.06.2007 | 7 pine doors | Sliema |
| 15.08.2007 | 4 frame box pine | Qormi |
| 20.08.2007 | 6 doors pine | Qormi |
| 02.01.2008 | 8 pine doors | M'Scala |
| | 8 pine doors | Żebbuġ (3 no fitting) |
| 10.02.2008 | 9 pine doors | Żebbuġ (not 2 door fitting client?) |

[7] **Dok D**, fol 22.
[8] Fuq **Dok D** l-attur indika "***I will not pay for the VAT before the actual VAT invoice is handed over to me***".
[9] Kontro-eżami tal-konvenut Anthony Caruana tal-20.02.2017, fol 27 et seq
[10] Fol 33-37.

| | |
|---|---|
| 7 pine doors | Qormi |
| 10 pine doors | Żebbuġ |

B. Verżjoni tal-attur Raymond Zammit:

17. L-attur Raymond Zammit[11] ikkonferma l-ftehim li sar bejnu u l-konvenut (Dok A) u spjega li l-kambjala fl-ammont ta' Lm9,000 kienet saret sabiex il-konvenut "*jagħmel tajjeb għall-flus li kien baqagħlu jtini jekk ma jagħmilx ix-xogħlijiet*." Qal li l-konvenut kien beda jikkonsenja x-xogħol iżda **sostna li ma ġabx ix-xogħol kollu**. Qal li skont il-kalkoli tiegħu, baqa' ma kkonsenjax b'€4650 xogħol. Għalkemm jilmenta li kien hemm xi xogħol li kien ħażin, jippreċiża li xorta qiesu bħala xogħol li ġie kkonsenjat. Fir-rigward tad-*delivery notes* li ppreżenta l-konvenut waqt il-kontro-eżami tiegħu, qal li qatt ma rahom u qatt ma ffirmahom. Qal li l-konvenut qatt ma kien jagħtih xi dokumenti fir-rigward tax-xogħol li kien ikkonsenja, u għalhekk huwa kien jagħmel il-kalkoli tiegħu stess. Ftit wara x-xiehda tiegħu ippreżenta **Dok ZR1** bil-konteġġi tiegħu biex jispjega kif wasal għall-bilanċ ta' **€4,562.67**.

18. Dak id-dokument hu kawżi l-istess bħal Dok. D li ppreżenta l-konvenut li skont qal li juri l-konteġġi li l-istess attur kien għaddielu, fejn fil-parti t'isfel hemm indikat li l-konvenut ikkonsenja xogħol ta' bibien tal-injam b'valur ta' **€16,974**, mingħajr VAT. Jekk wieħed iqabbel **Dok D** ma' **Dok ZR1** josserva li hemm differenza fir-rigward tal-ħames item, fis-sens li:

fuq **Dok D** hemm dikjarat:

Zebbug Triq Tumas Dingli

| | | |
|---|---|---|
| 7 pine doors @ Lm150 | Lm1050 | €2445.84 |
| deduct 4 not fixed | - Lm80 | - €186.35 |

u fuq **Dok ZR1** invece hemm dikjarat:

Zebbug Triq Tumas Dingli

[11] Xiehda tal-attur Raymond Zammit tat-08.05.2017, fol 40 *et seq*.

5 pine doors @ Lm150 Lm 750 €1,747.03

19. Għalhekk dan il-ħames item huwa deskritt f'**Dok D** fl-ammont ta' €2,259.46, filwaqt li f'**Dok ZR1** hemm dikjarat l-ammont ta' €1747.03 (cioe` differenza ta' €512.43).

20. Fil-kontro-eżami[12] l-attur qal li **Dok ZR1** kien ippreparah l-iskrivan tiegħu, li m'għadux impjegat tiegħu. Mistoqsi jekk dan l-ammont jinkludix VAT wieġeb li jaħseb li jinkludi, pero` enfasizza li d-dokument sar madwar għaxar snin qabel u ma kienx l-awtur tiegħu. L-attur qal li **Dok D**[13] mhux tiegħu iżda ikkonferma li **Dok ZR1** huwa tiegħu. Huwa fil-fatt issottolineja d-diskrepanza (fir-rigward tal-ħames item) bejn iż-żewġ dokumenti.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju - nuqqas ta' provi ċari mressqa mill-konvenut dwar ix-xogħol allegament ikkonsenjat minnu.**

21. Il-konvenut isostni li l-ammont pretiż mill-attur tħallas permezz ta' xogħol ta' bibien tal-injam.

22. Skont ir-rendikont tal-attur (Dok. ZR1), il-prezz għax-xogħol li għamel il-konvenut kien **Lm7,067 (€16,461.68)**. Min-naħa l-oħra skont Dok. D il-prezz kien ta' **Lm7,287 (€16,974.14)**. Diġa tirriżulta nuqqas ta' konsistenza min-naħa tal-attur. Min-naħa l-oħra skont il-kont li ppreżenta l-konvenut, il-prezz totali kien ta' **Lm7,979 (€18,586.07) li miegħu trid tiżdied is-somma ta' Lm1,436.22 (€3,345.49)**.[14] Is-somma totali hi iktar mid-Lm9,000 (€€20,964.36) valur tan-negozju li sar bejn il-kontendenti.

---

[12] Kontro-eżami tal-konvenut Raymond Zammit, tal-10.07.2017, fol. 50 *et seq*.
[13] Din il-qorti temmen li **Dok D** ukoll inħarġet mill-attur (jew l-impjegat tiegħu), tant li fuq il-parti t' isfel hemm indikat "***I will not pay for the VAT before the actual VAT invoice is handed over to me***".
[14] Il-qorti għamlet addition tal-ammont li jissemmew u waslet għal dak it-total, minkejja li dik m'hijiex iċ-ċifra totali li tniżżlet fil-kont.

23. Id-diskrepanza hi minħabba diverġenza fuq in-numru ta' bibien konsenjati fir-rigward tal-fond fi Triq Tumas Dingli, Zebbug, tnaqqis li jippretendi l-attur fir-rigward ta' wħud mill-konsenji, diverġenza fil-prezz għal kull bieb fir-rigward tal-fond f'Marsascala u somma ta' Lm35 żejda li jippretendi l-konvenut biex tneħħew xi bibien.

24. Hu ovvju li Dok. D hu dokument li sar mill-attur, jew impjegat tiegħu. Konklużjoni li l-qorti tasal għaliha mill-kliem, *"I will not pay for the VAT before the actual VAT invoice is handed over to me"*. Kliem li seta' jingħad biss mill-attur ġialadarba l-attur jikkontesta l-pretensjoni tal-konvenut għall-ħlas ta' VAT fuq ix-xogħol li għamillu. Ghalhekk qal sew il-konvenut fl-affidavit li dak id-dokument kien tal-konvenut.

25. Għal dak li jirrigwarda xogħol, hemm qbil dwar il-kwantita' ta' bibien li l-konvenut ikkonsenja lill-attur, bl-eccezzjoni tal-bibien fir-rigward tal-fond fi Triq Tumas Dingli, Zebbug. Dan hu evidenti meta tagħmel paragun bejn Dok. D u Dok ZR1 tal-attur u l-kont Dok. AC1. L-attur m'ghamel ebda argument li jista' jikkonvinci lil din il-qorti li fir-rigward ta' dik id-differenza r-ragunament tal-ewwel qorti hu manifestament zbaljat (ara fol. 7 tas-sentenza). Il-qorti zzid kif f'Dok. D l-attur nizzel 7 bibien filwaqt li fir-rendikont li pprezentaw b'nota fit-18 ta' Mejju, 2017 qal li nghata 5 bibien. Cirkostanza li tkompli turi l-inkonsistenza tal-attur.

26. Ghal dak li huma prezzijiet, m'hemmx qbil dwar il-prezz fir-rigward tal-bibien ta' Marsaskala. Filwaqt li skont Dok. ZR1 ir-rata kienet ta' Lm135 ghal kull bieb, skont il-konvenut kull bieb kien jiswa Lm145. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn il-prezz ma jkunx ta' Lm145 ghal kull bieb, meta fil-kaz ta' fond gewwa Hal Qormi dak kien il-prezz ghall-bieb bl-istess tip ta' materjal.

27. Jirrizulta wkoll li l-attur ghamel tnaqqis mill-ammont dovut lill-konvenut fir-rigward ta' wħud mill-bibien (ara Dok. C u Dok. ZR1). Tnaqqis li pero' m'hemmx qbil kollu dwaru min-naha tal-konvenut. Il-prova li t-tnaqqis kien gustifikat

kellha ovvjament issir mill-attur, gialadarba hu qieghed jippretendih. Il-qorti kellha verzjonijiet kontrastanti, u m'hemmx provi li setgħu jwasslu lill-ewwel qorti biex tikkonkludi li l-verżjoni tal-attur hi iktar kredibbli. Dwar tnaqqis li jippretendi l-attur, il-qorti ghamlet ir-ragunament taghha. L-attur ma ta l-ebda raguni li tista' tikkonvinci lil din il-qorti ta' revizjoni li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wiesa' li ghandha l-ewwel qorti fl-apprezzament tal-provi.

28. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma ssib l-ebda difett gravi fir-raġunament tal-ewwel qorti.

**<u>It-tieni aggravju – il-kwistjoni dwar jekk kellhiex tiżdied il-VAT.</u>**

29. L-attur agħmel riferenza għal dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti fejn qalet li peress li n-negozju mertu tal-każ sar bejn żewġ soċjetajiet ma kellhiex tinħareġ <u>riċevuta fiskali</u> iżda <u>fattura fiskali</u>, u dan *ai termini* tal-Artikolu 50 tal-Att dwat it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406). Jilmenta pero` li l-ewwel qorti ma tatx piż għall-fatt li kemm hu u s-soċjeta` tiegħu qatt ma rċevew fattura, u isaqsi: X'prova kellha l-ewwel qorti li ġiet sottomessa fattura fiskali mad-Dipartiment tal-VAT ? Peress li dak hu l-ilment tal-attur, hu dwar dak li trid tiddeċiedi din il-qorti irrispettivament dwar argumenti oħra li setgħu saru fl-ewwel stadju.

30. Fl-ewwel lok fis-sentenza intqal li VAT hi dovuta *"... għaliex l-iskeda tar-rati miftiehma annessa mal-ftehim tas-26 ta' Diċembru 2006 tgħid ċar u tond li 'prices not included vat 18%'"*.

31. Ma jidhirx li hu kontestat li t-taxxa hi dovuta. Fil-fatt l-aggravju tal-attur m'huwiex li m'hijiex dovuta t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud jew li t-taxxa ma kellhiex tkun inkluża f'dik il-parti tal-prezz li kellha titnaqqas bil-mod miftiehem fil-kuntratt. F'dokument D stess, li din il-qorti kkonkludiet li hu tal-attur, hemm stampat *"I will not pay for the VAT before the actual VAT invoice is handed over to me"*. Dikjarazzjoni li fiha nnifisha tikkonferma li ma kienx hemm kontestazzjoni li taxxa kellha titħallas.

32. Il-konvenut jargumenta li jekk il-fattura inħarġet tard u jekk it-taxxa relattiva tħallsitx, huma kwistjonijiet li jirrigwardaw lilu u lill-Kummissarju dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u li għalhekk huma *res inter alios acta* u l-qofol tal-vertenza invece jirrigwarda l-fatt li r-rati maqbula huma mingħajr VAT. Isostni li l-appell tal-attur huwa destinat li jfalli għaliex fil-konteġġi magħmula minnu ma ħax kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u allura huma żbaljati.

33. L-ewwel qorti stabbilit li t-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud hi dovuta. Dwar dan l-attur ma lmentax. Imbagħad l-ewwel qorti kkunsidrat l-argument tal-attur li l-konvenut ma jistax iżid it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud għaliex ma tahx riċevuta għall-prezz imħallas. L-ewwel qorti kkonkludiet li peress li n-negozju kien bejn żewġ persuni reġistrati taħt l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, kellha tinħareġ fatturi fiskali.

34. Ovvjament l-attur għandu bżonn *fiscal invoice*, biex ikun jista' jieħu *credit*. L-ewwel qorti kkonkludiet li Dok. C a fol. 21 kienet il-fattura fiskali. Li l-attur kien ingħata dak il-kont jirriżulta mid-dokument D, u din il-qorti diġa spjegat għalfejn temmen li dak id-dokument sar mill-attur. Għalhekk l-attur ma jitwemminx li qatt ma kien ra dak d-dokument a fol. 32, li hu kopja vera ta' dokument D.

35. Jekk l-attur hu tal-fehma li dak id-dokument m'huwiex *fiscal invoice*, kellu kull opportunita' li jagħmel rapport lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud kontra l-kumpannija li kellha toħroġha. Jekk hemm nuqqas, il-konvenut kellu rimedju għalih u ma jistax jirbaħ l-argument għaliex ladarba ngħata s-servizz, it-taxxa hi dovuta.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Anthony Ellul.